

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 926/2014

tas-27 ta' Awwissu 2014

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar formuli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(6), l-Artikolu 36(6) u l-Artikolu 39(5) tagħha,

Billi:

- (1) Għall-finijiet li jkunu disponibbli formoli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki sabiex wieħed ikun jista' jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, huwa meħtieġ li jiġu definiti ċerti termini tekniċi sabiex issir distinzjoni ċara bejn in-notifiki tal-fergħa, in-notifiki ta' servizzi, in-notifiki ta' bidliet fid-dettalji ta' passport ta' fergħa u dawk relatati ma' tmiem ippjanat ta' operat tal-fergħa.
- (2) L-istabbiliment ta' proċeduri standard li jkopru l-lingwa u l-mezzi ta' komunikazzjoni ta' notifiki ta' passport mingħand l-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti se jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-effiċjenza tal-pres-tazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti.
- (3) L-istandards tekniċi għandhom jeħtieġu illi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru tad-domiċilju jivvalutaw il-preċiżjoni u l-kompletezza tan-notifiki ta' passport mressqa sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti u jiżguraw il-kwalità tan-notifiki ta' passport sottomessi minn istituzzjonijiet ta' kreditu.
- (4) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandhom jindikaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu l-aspetti partikolari li fih in-notifiki ta' passport jitqiesu li huma inkompleti jew żbaljati sabiex tiffaċilita l-proċess ta' identifikazzjoni, komunikazzjoni u s-sottomissjoni ta' elementi nieqsa jew inkorretta.
- (5) Sabiex tkun żgurata trasparenza u evalwazzjoni f'waqtha tan-notifiki sottomessi ta' passport, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat mingħajr ambigwià l-bidu tal-perjodu ta' tlett xhur kif imsemmi fl-Artikolu 35(3) tad-Direttiva 2013/36/UE sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' oriġini jieħdu deċiżjoni dwar l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva u tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu u jikkomunikaw in-notifika ta' passport lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti. Huwa wkoll meħtieġ ukoll li jiġi ddeterminat mingħajr ambigwià l-bidu tal-perjodi msemmija fl-Artikolu 36(3) u l-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2013/36/UE mogħ-tija lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti biex jieħdu d-deċiżjonijiet rispet-tivi tagħhom u biex jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti lil xulxin jew lil istituzzjonijiet ta' kreditu.
- (6) Il-konferma tar-riċevuta tan-notifika ta' passport ta' fergħa minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri ospi-tanti hija meħtieġa biex tiċċara d-data tal-wasla tan-notifika rilevanti, il-perjodu ta' żmien disponibbli għall-awtori-tajiet kompetenti ta' Stati Membri ospitanti biex ikunu ppreparati għas-sorveljanza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u biex jindikaw lilhom kwalunkwe kundizzjonijiet li taħthom, fl-interess tal-ġid ġenerali, l-attivitajiet tagħhom jist-għu jkollhom jitwettqu u d-data eżatta li fiha l-istituzzjonijiet ta' kreditu se jkunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu l-fer-għat tagħhom u jibdeu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 27.6.2013, p. 338.

- (7) Sabiex jiżguraw trasparenza fil-kundizzjonijiet li taħthom, fl-interess tal-ġid ġenerali, l-attivitajiet jistgħu jkollhom jitwettqu fi Stati Membri ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jinfurmaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju b'dawk il-kundizzjonijiet li jimponu restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet imwettqa mill-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-territorju ta' Stati Membri ospitanti.
- (8) Il-proċeduri għal notifika ta' bidla fil-passaport ta' ferġha għandhom ikopru wkoll il-każ speċifiku ta' tmien tal-operazzjoni pplanata tal-ferġha kif dan huwa meqjus tibdila maġġuri fl-operazzjonijiet tal-ferġha li għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti.
- (9) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, billi jittrattaw in-notifiki relatati mal-eżerċizzju tad-dritt tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Biex jiżguraw koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex jiffaċilitaw perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal dawk l-obbligi, huwa mixtieq li jkunu inklużi l-istandards tekniċi regolatorji kollha meħtieġa mid-Direttiva 2013/36/UE f'Regolament wieħed.
- (10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomessi mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) lill-Kummissjoni Ewropea.
- (11) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Konċernati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispjefika l-formuli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki sabiex jiġu eżerċitati d-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 35(6), l-Artikolu 36(6) u l-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "notifika ta' passaport ta' ferġha" tfisser notifika li saret skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2013/36/UE minn istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tistabbilixxi ferġha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju;
- (2) "notifika ta' bidla fid-dettalji ta' ferġha" tfisser notifika li ssir skont l-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE minn istituzzjoni tal-kreditu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti ta' bidla fid-dettalji kkomunikati skont l-Artikolu 35(2)(b), (c) jew (d) ta' dik id-Direttiva;
- (3) "notifika ta' passaport ta' servizzi" tfisser notifika li saret skont l-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2013/36/UE minn istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq teżerċita l-libertà li tipprovi servizzi billi twettaq l-attivitajiet tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju;
- (4) "notifika ta' passaport" tfisser notifika ta' passaport ta' ferġha, bidla fin-notifika tad-dettalji tal-ferġha jew notifika ta' passaport tas-servizzi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 12).

*Artikolu 3***Rekwiżiti ġenerali għan-notifiki ta' passaport**

1. In-notifiki tal-passaport sottomessi skont dan ir-Regolament jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) jiġu pprovduti bil-miktub f'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u b'lingwa aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew f'xi lingwa aċċettata tal-Unjoni kemm mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti;
 - (b) ikunu notifikati bil-posta, jew b'mezzi elettroniċi fejn dawn jiġu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.
2. L-awtoritajiet kompetenti jagħmlu l-informazzjoni li ġejja disponibbli għall-pubbliku:
 - (a) il-lingwi aċċettati skont il-paragrafu 1(a);
 - (b) l-indirizz fejn għandhom jintbagħtu n-notifiki tal-passaport jekk sottomessi bil-posta;
 - (c) kwalunkwe mezz elettroniċi li bihom jistgħu jiġu sottomessi n-notifiki tal-passaport u kwalunkwe dettalji ta' kuntatt rilevanti.

KAPITOLU II

PROĊEDURI GĦAN-NOTIFIKA TA' PASSAPORT TA' FERĠHA*Artikolu 4***Sottomissjoni tan-notifika tal-passaport ta' ferġha**

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness I biex jissottomettu notifika ta' passaport ta' ferġha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

*Artikolu 5***Evalwazzjoni tal-kompletezza u l-preċiżjoni tan-notifika tal-passaport ta' ferġha**

1. Mal-wasla tan-notifika tal-passaport ta' ferġha l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż Stat Membru ta' oriġini jivvalutaw il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jqisu li l-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fl-Artikolu 35(3) tad-Direttiva 2013/36/UE beda fid-data tal-wasla tan-notifika tal-passaport tas-servizzi li fiha informazzjoni li hi stmata kompleta u korretta.
3. Fejn l-informazzjoni pprovduta fin-notifika tal-passaport tas-servizzi hi stmata mhux kompluta jew żbaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jinfurmaw l-istituzzjoni ta' kreditu mingħajr dewmien, u jindikaw b'liema mod l-informazzjoni hi stmata mhux kompluta jew żbaljata.

*Artikolu 6***Komunikazzjoni tan-notifika tal-passaport tal-ferġha**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness II biex jikkomunikaw notifika tal-passaport tal-ferġha lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju flimkien ma' kopja tan-notifika tal-passaport tal-ferġha u bl-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-fondi proprji bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness III.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jirrikonoxxu il-wasla tan-notifika tal-passaport tal-ferġha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju mingħajr dewmien, u jiddikjaraw id-data li fiha waslet in-notifika tal-passaport ta' ferġha.

3. Wara l-konferma ta' riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jinfurmaw l-istituzzjoni ta' kreditu mingħajr dewmien b'dan li ġej:
 - (a) il-komunikazzjoni tan-notifika tal-passaport tal-fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti;
 - (b) id-data tal-wasla tan-notifika tal-passaport tal-fergħa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti;

Artikolu 7

Il-komunikazzjoni tal-kundizzjonijiet fl-interess tal-ġid ġenerali

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkomunikaw bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu kwalunkwe kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2013/36/UE li taħtom, fl-interess tal-ġid ġenerali, l-attivitajiet jistgħu jkollhom jitwettqu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.
2. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jimponu restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-fergħa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jikkomunikaw ukoll dawg il-kundizzjonijiet bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

KAPITOLU III

PROĊEDURI GĦAN-NOTIFIKA TA' BIDLA FID-DETTALJI TAL-FERGĦA

Artikolu 8

Sottomissjoni ta' notifika ta' bidla fid-dettalji tal-fergħa

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness I biex jinnotifikaw bidla f'fergħa d-dettalji lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti ħliet fejn il-bidla tikkonċerna t-terminazzjoni tal-operazzjoni ppjanata tal-fergħa.
2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness IV biex jinnotifikaw bidla fid-dettalji ta' fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti fejn il-bidla tikkonċerna t-terminazzjoni tal-operazzjoni ppjanata tal-fergħa.

Artikolu 9

Evalwazzjoni tal-kompletezza u l-preċiżjoni tan-notifika

1. Mal-wasla ta' bidla fin-notifika tad-dettalji ta' fergħa l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż Stat Membru jivvalutaw il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jqisu li l-perjodu ta' xahar imsemmi fl-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE beda fid-data tal-wasla tan-notifika tal-bidla fid-dettalji ta' fergħa li fiha informazzjoni li hi stmata kompleta u korretta. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u dawg ospitanti għandhom jikkooperaw sabiex jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE fi żmien il-perjodu msemmi fih.
3. Fejn l-informazzjoni pprovduta fin-notifika tal-bidla fid-dettalji tal-fergħa hi stmata mhux kompluta jew żbaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jinfurmaw l-istituzzjoni ta' kreditu mingħajr dewmien, u jindikaw b'liema mod l-informazzjoni hi stmata mhux kompluta jew żbaljata.

Artikolu 10

Komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu wara n-notifika

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE bil-miktub lill-istituzzjoni ta' kreditu.
3. Meta d-deċiżjoni imsemmija fil-paragrafu 2 jkun fiha kundizzjonijiet li jimponu restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-fergħa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jikkomunikaw ukoll dawg il-kundizzjonijiet bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

KAPITOLU IV

PROĊEDURI GĦAN-NOTIFIKA TAL-PASSAPORT TAS-SERVIZZI*Artikolu 11***Sottomissjoni tan-notifika tal-passaport tas-servizzi**

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness V biex jissottomettu notifika ta' passaport ta' ferġha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

*Artikolu 12***Evalwazzjoni tal-kompletezza u l-preċiżjoni tan-notifika tal-passaport tas-servizzi**

1. Mal-wasla tan-notifika tal-passaport tas-servizzi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jivvalutaw il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jqisu li l-perjodu ta' xahar imsemmi fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2013/36/UE beda fid-data tal-wasla tan-notifika tal-passaport tas-servizzi li fiha informazzjoni li hi stmata kompleta u korretta.
3. Fejn l-informazzjoni pprovduta fin-notifika tal-passaport tas-servizzi hi stmata mhux kompluta jew żbaljata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jinfurmaw l-istituzzjoni ta' kreditu mingħajr dewmien, u jindikaw b'liema mod l-informazzjoni hi stmata mhux kompluta jew żbaljata.

*Artikolu 13***Il-komunikazzjoni tan-notifika tal-passaport tas-servizzi**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jużaw il-formola stabbilita fl-Anness VI biex jissottomettu notifika ta' passaport ta' ferġha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 14***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

Formola għas-sottomissjoni ta' notifika ta' passaport ta' fergħa jew bidla fin-notifika tad-dettalji ta' fergħa

Fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jinnotifikaw bidliet fnotifiki partikolari ta' fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u ospitanti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom biss jimlew il-partijiet tal-formola li jkun fihom informazzjoni li nbidlet.

1. Informazzjoni tal-kuntatt

Tip ta' notifika	[Notifika ta' passaport ta' fergħa/bidla fin-notifika tad-dettalji tal-fergħa]
L-Istat Membru ospitanti li fih il-fergħa tkun se tiġi stabbilita:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
Isem u numru ta' referenza tal-istituzzjoni ta' kreditu:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
L-indirizz tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru ospitanti li mingħandha jkunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
Il-post prinċipali ta' negozju maħsub tal-fergħa fl-Istat Membru ospitanti:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
Id-data li fiha l-fergħa beħsiebha tibda l-attivitajiet tagħha:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
L-isem tal-persuna ta' kuntatt fil-fergħa:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
Numru tat-telefown:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]
Posta elettronika:	[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2. Programm ta' operazzjonijiet**2.1. It-tipi ta' negozju maħsuba**

- 2.1.1. Id-deskrizzjoni tal-oġġettivi ewlenin u l-istrateġija tan-negozju tal-fergħa u spjegazzjoni ta' kif il-fergħa se tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.1.2. Id-deskrizzjoni tal-klijenti fil-mira u l-kontropartijiet

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.1.3. Lista tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twestaq fl-Istat Membru ospitanti bl-indikazzjoni tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba ta' negozju fl-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali

Nru.	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb li twettaq	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali
1.	Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura			
2.	Self li jinkludi, fost l-oħrajn: kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament b'azzjoni ta' rivalsa jew le, il-finanzjament ta' transazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting).			
3.	Leasing finanzjarju			
4.	Servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)			
4a.	Servizzi li jippermettu li flus kontanti jitqiegħdu f'kont tal-pagamenti, kif ukoll l-oferazzjonijiet kollha meħtieġa biex jintuża kont tal-pagamenti			
4b.	Servizzi li jippermettu għid ta' flus kontanti minn kont tal-pagamenti, kif ukoll l-oferazzjonijiet kollha meħtieġa biex jintuża kont tal-pagamenti			
4c.	It-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti, inkluż trasferiment ta' fondi fuq kont tal-pagamenti mal-fornitur ta' servizzi ta' pagamenti jew ma' fornitur ta' servizzi ta' pagamenti ieħor: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard tal-pagamenti jew strument ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, fosthom ordnijiet permanenti			
4d.	Eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament fejn il-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu għal utent ta' servizzi ta' ħlaq: — it-twettiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard tal-pagamenti jew strument ieħor simili — it-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu, fosthom ordnijiet permanenti			
4e.	Il-ħruġ u/jew il-kisba ta' strumenti tal-pagament			

Nru.	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb li twettaq	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali
4f.	Rimessa ta' flus			
4g.	Eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament fejn il-kunsens ta' min iħallas għall-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagament jingħata permezz ta' kwalunkwe apparat tat-telekomunikazzjoni, diġitali jew tal-IT u l-pagament isir lill-operatur tat-telekomunikazzjoni, sistema jew operatur tan-network tal-IT, li jaġixxi biss bħala intermedjarju bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur tal-merkanzija jew is-servizzi (**)			
5.	Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament (pereżempju travellers' cheques u bankers' drafts) sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt 4			
6.	Garanziji u impenji			
7.	Negozju għall-kont proprju jew fisem il-klijenti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:			
7a.	— strumenti tas-suq monetarju (eż. ċekkjiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu)			
7b.	— kambju fi flus barranin			
7c.	— kuntratt tal-futuri fuq rata ta' interess fuq żmien qasir (financial futures) u opzjonijiet finanzjarji			
7d.	— strumenti tal-kambju u tar-rata tal-imgħax			
7e.	— titoli ta' sigurtà trasferibbli			
8.	Parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali kwistjonijiet			
9.	Parir lill-intrapriżi dwar struttura kapitali, strateġija industrijali u kwistjonijiet relatati u pariri kif ukoll servizzi relatati mal-unifikazzjonijiet u x-xiri tal-intrapriżi			
10.	Intermedjazzjoni fis-suq monetarju			
11.	Portfolju amministrattiv u pariri			

Nru.	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb li twettaq	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali
12.	Kustodja u amministrazzjoni ta' titoli			
13.	Servizzi ta' referenzi ta' kreditu			
14.	Servizzi ta' kaxxi ta' sigurezza			
15.	Ħruġ ta' flus elettroniku			

(*) Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

(**) L-attività msemmija fil-punt 4 g tinkludi l-ġhotti ta' krediti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2007/64/KE?

☐ iva ☐ le

2.1.4. Il-lista tas-servizzi u l-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti, u li huma previsti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, meta ssir referenza għall-istrumenti finanzjarji previsti fit-Taqsima C tal-Anness I ta' dik id-Direttiva

Strumenti Finanzjarji	Is-servizzi u l-attivitajiet tal-investimenti								Servizzi anċillari						
	A 1	A 2	A 3	A 4	A 5	A 6	A 7	A 8	B 1	B 2	B 3	B 4	B 5	B 6	B 7
C1															
C2															
C3															
C4															
C5															
C6															
C7															
C8															
C9															
C10															

Nota 1:

L-intestaturi tar-ringieli u l-kolonni huma referenzi għat-taqsima u n-numri rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE (eż. A1 jirreferi għal punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I).

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

2.2. L-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa

- 2.2.1. Id-deskrizzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa, inklużi l-linji ta' rappurtar legali u funzjonali u l-pożizzjoni u r-rwol tal-fergħa fi ħdan l-istruttura korporattiva tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, mill-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

Id-deskrizzjoni tista' tiġi appoġġjata b'dokumenti rilevanti, bħal skeda organizzazzjonali

- 2.2.2. Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u tal-mekkaniżmi interni ta' kontroll tal-fergħa, inkluża l-informazzjoni li ġejja:

- 2.2.2.1. proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju tal-fergħa u dettalji dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni, u fejn applikabbli, tal-grupp tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.2.2. kwalunkwe limitu li japplika għall-attivitajiet tal-fergħa, b'mod partikolari l-attivitajiet ta' self tagħha

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.2.3. id-dettalji ta' arranġamenti ta' awditjar intern tal-fergħa, inklużi d-dettalji tal-persuna responsabbli għal dawn l-arranġamenti u, fejn applikabbli, dettalji tal-awditur estern

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.2.4. l-arranġamenti kontra l-ħasil tal-flus tal-fergħa inklużi dettalji dwar il-persuna maħtura biex jiżguraw konformità ma' dawn l-arranġamenti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.2.5. il-kontrolli fuq l-esternalizzazzjoni u arranġamenti oħra ma' partijiet terzi b'konnessjoni mal-attivitajiet imwettqa fis-settur li huma koperti minn awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.3. Fejn il-fergħa hija mistennija twettaq wieħed jew aktar mis-servizzi ta' investiment u attivitajiet definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, deskrizzjoni tal-arranġamenti li ġejjin:

- 2.2.3.1. l-arranġamenti għas-salvagwardja tal-flus u l-assi tal-klijenti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.3.2. l-arranġamenti għal konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 19, 21, 22, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2004/39/KE u l-miżuri adottati skont dawn mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru ospitanti

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.3.3. il-kodiċi ta' kondotta interna inklużi l-kontrolli fuq ġestjoni ta' kont personali

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.3.4. id-dettalji tal-persuna responsabbli biex tittratta ilmenti dwar is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.3.5. id-dettalji tal-persuna maħtura sabiex tassigura l-konformità mal-arranġamenti tal-fergħa rigward servizzi u attivitajiet ta' investiment

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.2.4. id-dettalji ta' esperjenza professjonali tal-persuni responsabbli għall-immaniġġar tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

2.3. Informazzjoni oħra

- 2.3.1. Il-pjan finanzjarju li fih previżjonijiet tal-karta bilanċjali u tal-kontijiet tal-qliġ u t-telf, li jkopru perjodu ta' tliet snin

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta bħala dokument meħmuż man-notifika

- 2.3.2. L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-garanzija tad-depożiti tal-Unjoni u tal-iskemi ta' protezzjoni tal-investitur li tagħhom l-istituzzjoni hija membru u li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi tal-fergħa, flimkien mal-kopertura massima tal-iskema ta' protezzjoni tal-investitur

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

- 2.3.3. Id-dettalji tal-arranġamenti tal-IT tal-fergħa

[għandha timtela mill-istituzzjoni ta' kreditu]

ANNEX II

Formola għall-komunikazzjoni tan-notifika ta' passaport ta' ferġha

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Isem il-persuna ta' kuntatt:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

Ref:

Il-komunikazzjoni ta' notifika ta' passaport ta' ferġha

[Il-komunikazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- L-isem u n-numru ta' referenza tal-istituzzjoni ta' kreditu
- l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu
- dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li twettaq attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-wasla tan-notifika ta' passaport ta' ferġha li tkun fiha informazzjoni li hija vvalutata li tkun kompleta u korretta
- l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni responsabbli għall-immaniġġar tal-ferġha
- l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-garanzija tad-depożiti tal-Unjoni u tal-iskemi ta' protezzjoni tal-investitur li tagħhom l-istituzzjoni hija membru u li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi tal-ferġha.]

[Dettalji tal-kuntatt]

ANNEX III

Formola għall-komunikazzjoni tal-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u r-reqwiżiti tal-fondi proprji

1. L-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji

Partita Ir-referenzi kollha huma għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾	Ammont (f'miljuni ta' EUR)
Fondi proprji L-Artikoli 4(1)(118) u 72	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 1 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ⁽²⁾]
Kapital ta' Grad 1 Artikolu 25	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 015 fil-Mudell 1 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 Artikolu 50	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 020 fil-Mudell 1 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Kapital ta' Grad 1 Addizzjonali Artikolu 61	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 530 fil-Mudell 1 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Kapital ta' Grad 2 Artikolu 71	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 750 fil-Mudell 1 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1-1861).

2. Rekwiżiti ta' fondi proprji

Partita Ir-referenzi kollha huma għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ammont (f'miljuni ta' EUR)
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskji L-Artikoli 92(3), 95, 96 u 98	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 010 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju tal-kreditu, tal-kreditu tal-kontroparti u tar-riskju ta' dilwizzjoni u twassil bla ħlas Punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3)	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 040 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal aġġustamenti/konsenja Il-punt (c) (ii) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4)	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 490 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]
Ammonti tal-iskopertura għar-riskji tal-pożizzjoni, tal-kambju u tal-kommoditajiet Il-punti (b)(i), (c)(i) u (c)(iii) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4)	[deġta kif irrappurtata fir-ringiela 520 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]

Partita Ir-referenzi kollha huma għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Ammont (f'miljuni ta' EUR)
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju, għar-riskju operazzjonali Il-punt (e) tal-Artikolu 92(3) u l-punt (b) tal-Artikolu 92(4)	<i>[dejta kif irrappurtata fir-ringiela 590 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]</i>
Ammont addizzjonali tal-iskopertura għar-riskju minħabba l-ispejjeż ġenerali fissi L-Artikoli 95(2), 96(2), 97 u 98(1) il-punt (a)	<i>[dejta kif irrappurtata fir-ringiela 630 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]</i>
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għal aġġustamenti fil-valwazzjoni tal-kreditu Punt (d) tal-Artikolu 92(3)	<i>[dejta kif irrappurtata fir-ringiela 640 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]</i>
Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju marbut ma' skoperturi kbar fil-portafoll tan-negozjar Il-punt (b)(ii) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 395 sa 401	<i>[dejta kif irrappurtata fir-ringiela 680 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]</i>
Ammonti ta' skoperturi għar-riskju oħra L-Artikoli 3, 458, 459 u 500 u l-ammonti ta' skopertura għar-riskju li ma jistgħux jiġu assenjati f'waħda mill-entrati tohrajn ta' din it-tabella	<i>[dejta kif irrappurtata fir-ringiela 690 fil-Mudell 2 tal-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014]</i>

ANNEX IV

Formola għas-sottomissjoni ta' bidla fin-notifika tad-dettalji tal-fergħat li tikkonċerna t-terminazzjoni ppjanata tal-operazzjoni ta' fergħa

Isem il-persuna ta' kuntatt fl-istituzzjoni ta' kreditu jew fergħa:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

[Ref:]

Sottomissjoni ta' bidla fin-notifika tad-dettalji tal-fergħat li tikkonċerna t-terminazzjoni ppjanata tal-operazzjoni ta' fergħa

[In-notifika għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- L-isem u n-numru ta' referenza tal-istituzzjoni ta' kreditu
- l-isem tal-fergħa fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti
- l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu
- dikjarazzjoni dwar l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-intenzjoni li ttemm l-operazzjoni ta' fergħa fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti u d-data sa meta t-terminazzjoni se tkun effettiva
- l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni li ser ikunu responsabbli għall-proċess tat-tmiem tal-operat tal-fergħa
- l-iskeda ta' żmien stmata għat-tmiem ippjanat
- informazzjoni dwar il-proċess ta' tmiem tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-klijenti tal-fergħa.]

[Dettalji tal-kuntatt]

ANNEX V

Formola għas-sottomissjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi**1. Informazzjoni tal-kuntatt**

Tip ta' notifika	Notifika ta' passaport ta' servizzi
L-Istat Membru ospitanti li fih l-istituzzjoni ta' kreditu tippjana li twettaq l-attivitajiet tagħha:	
Isem u numru ta' referenza tal-istituzzjoni ta' kreditu:	
Indirizz tal-uffiċċju ewlieni tal-istituzzjoni ta' kreditu:	
Isem il-persuna ta' kuntatt fl-istituzzjoni ta' kreditu:	
Numru tat-telefown:	
Posta elettronika:	

2. Lista tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti bl-indikazzjoni tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba ta' negozju fl-Istat Membru ospitanti, inkluża d-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali

Nru.	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb li twettaq	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali
1.	Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura.			
2.	Self li jinkludi, fost l-oħrajn: kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament b'azzjoni ta' rivalsa jew le, il-finanzjament ta' transazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting).			
3.	Leasing finanzjarju			
4.	Servizzi ta' pagament kif iddefiniti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE.			
4a	Servizzi li jippermettu li flus kontanti jit-qiegħdu f'kont tal-pagamenti, kif ukoll l-oferazzjonijiet kollha meħtieġa biex jintuża kont tal-pagamenti			
4b	Servizzi li jippermettu għid ta' flus kontanti minn kont tal-pagamenti, kif ukoll l-oferazzjonijiet kollha meħtieġa biex jintuża kont tal-pagamenti			

Nru.	Attività	L-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb li twettaq	L-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju	Id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività prinċipali
4c	It-twertiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti, inkluż trasferiment ta' fondi fuq kont tal-pagamenti mal-fornitur ta' servizzi ta' pagamenti jew ma' fornitur ta' servizzi ta' pagamenti ieħor: — it-twertiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twertiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard tal-pagamenti jew strument ieħor simili — it-twertiq ta' trasferimenti ta' kreditu, fosthom ordnijiet permanenti			
4d	Eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament fejn il-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu għal utent ta' servizzi ta' pagament: — it-twertiq ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba — it-twertiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard tal-pagamenti jew strument ieħor simili — it-twertiq ta' trasferimenti ta' kreditu, fosthom ordnijiet permanenti			
4e	Il-ħruġ u/jew il-kisba ta' strumenti tal-pagament			
4f	Rimessa ta' flus			
4 g	Eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament fejn il-kunsens ta' min iħallas għall-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagament jingħata permezz ta' kwalunkwe apparat tat-telekomunikazzjoni, diġitali jew tal-IT u l-ħlas isir lill-operatur tat-telekomunikazzjoni, sistema jew operatur tan-network tal-IT, li jaġixxi biss bħala intermedjarju bejn l-utent ta' servizzi ta' pagament u l-fornitur tal-merkanzija jew is-servizzi (*)			
5.	Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament (pereżempju travellers' cheques u bankers' drafts) sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt 4			
6.	Garanziji u impenji			
7.	Negozju għall-kont proprju jew fisem il-klijenti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:			
7a	— strumenti tas-suq monetarju (eż. ċekki-jiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu)			
7b	— kambju fi flus barranin			

[illegible]

Strumenti Finanzjarji	Is-servizzi u l-attivitajiet tal-investimenti								Servizzi anċillari						
	A 1	A 2	A 3	A 4	A 5	A 6	A 7	A 8	B 1	B 2	B 3	B 4	B 5	B 6	B 7
C8															
C9															
C10															

Nota 1:

L-intestaturi tar-ringieli u l-kolonna huma referenzi għat-taqsimu u n-numri rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE (eż. A1 jirreferi għal punt 1 ta' Taqsimu A tal-Anness I).

ANNEX VI

Formola għall-komunikazzjoni tan-notifika ta' passaport ta' servizzi

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

Isem il-persuna ta' kuntatt:

Numru tat-telefown:

Posta elettronika:

L-indirizz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:

[Data]

Ref:

Il-komunikazzjoni ta' notifika ta' passaport ta' servizzi

[Il-komunikazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- L-isem u n-numru ta' referenza tal-istituzzjoni ta' kreditu
- l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu
- id-dikjarazzjoni dwar l-intenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li twettaq attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti, billi teżerċita l-libertà li ttipprovdi servizzi.]

[Dettalji tal-kuntatt]
